31985R2967

25.10.1985 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 285/39

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2967/85 ta' l-24 ta' Ottubru 1985 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-iskala Komunitarja għall-gradazzjoni tal-karkassi tal-majjal.

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 fuq l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 2966/80 [2], u b'mod partikolari Artikoli 2 u 4 (6) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3220/84 tat-13 ta' Novembru 1984 li jistabbilixxi l-iskali Komunitarji għall-gradazzjoni tal-karkassi tal-majjal [3], u b'mod partikolari Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi regoli dettaljati għandhom jiġu stabbiliti għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3220/84, b'mod partikolari, miżuri maħsuba biex jiġi assigurat li dan jiġi applikat fuq bażi uniformi;

Billi "piż" huwa meqjus li jfisser il-piż tal-karkassa kiesħa; billi dan jiġi kalkulat billi wieħed japplika mar-riżultat ta' l-użin koeffiċjenti ta' konverżjoni li jrid jiġi stabbilit; billi dak il-koeffiċjenti jista' jvarja skond il-ħin bejn meta l-majjal jintiżen u meta jiddendel; billi aġġustament tal-koeffiċjenti għandu għaldaqstant jiġi permess;

Billi l-kontenut tad-dgħif tal-karkassi jiġi stmat permezz ta' metodi awtorizzati ta' gradazzjoni; billi metodi ta' stima statistikament ippruvati biss jistgħu jintużaw; billi l-awtorizzazzjoni tal-metodi tal-gradazzjoni hija soġġetta għall-konformità mat-tolleranza massima għall-iżball statistiku fl-istima li għandu jiġi speċifikat;

Billi l-immarkar tal-karkassi huwa, mingħajr preġudizzju għal Artikolu 4(2) tar-Regolament(KEE) Nru 3220/84, obbligatorju; billi, biex is-suq ikun aktar trasparenti, regoli dettaljati għandhom jiġu stabbiliti dwar l-immarkar u l-identifikazzjoni tal-karkassi filwaqt li derogi għandhom jiġu pprovduti f'ċerti ċirkostanzi;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għal-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati li jimplementaw ir-Regolament (KEE) Nru 3220/84 li jistabbilixxi l-iskala Komunitarja għall-gradazzjoni tal-karkassi tal-majjal.

Artikolu 2

1. Il-piż tal-karkassa kiesħa kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3220/84 jinkiseb bit-tnaqqis ta' 2,0 % mill-piż sħun reġistrat mhux aktar tard minn 45 minuta wara li l-majjal ikun ġie mdendel.

2. Jekk, f'xi biċċerija, il-perijodu ta' 45 minuta bejn li l-majjal jiddendel u li jintiżen ġeneralment ma jkunx jista' jinżamm, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru interessat tista' tippermetti li dan il-perijodu jiġi mtawwal sakemm it-tnaqqis ta' 2,0 % speċifikat fil-paragrafu 1 ikun imnaqqas b'0,1 ta' punt għal kull kwarta addizzjonali jew parti minnha li tkun għaddiet.

3. Bħala deroga mill-paragrafi 1 u 2, il-piż tal-karkassa kiesħa jista' jiġi kalkolat b'referenza għal skali determinati minn qabel ta' tnaqqis assolut ta' piż stabbilit mill-Istati Membri skond il-karatteristiċi tal-merħliet tal-qżieqeż tagħhom u nnotifikat lill-Kummissjoni. L-użu ta' dawn l-iskali għandu jiġi awtorizzat skond il-proċeduri previsti f'Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75, jekk it-tnaqqis għal klassijiet individwali ta' piż ikun jikkorrispondi, kemm jista' jkun, mat-tnaqqis li jirriżulta mill-paragrafi 1 u 2.

Artikolu 3

1. L-ebda metodu biex issir stima tal-volum tad-dgħif tal-karkassi m'għandu jiġi awtorizzat bħala metodu ta' gradazzjoni fis-sens ta' Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3220/84 kemm-il darba:

— dan ikun bażat fuq kampjun rappreżentattiv tal-produzzjoni nazzjonali jew reġjonali kkonċernata tal-laħam tal-majjal, bil-metodu ta' stima, li jikkonsisti f'talanqas 120 karkassa, li fihom il-kontenut tad-dgħif ikun ġie aċċertat skond l-ewwel

[1] ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 1.
[2] ĠU L 307, tat-18.11.1980, p. 5.
[3] ĠU L 301, ta' l-20.11.1984, p. 1.

subparagrafu ta' Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3220/84 jew direttament jew permezz ta' metodi nazzjonali ta' dissezzjoni b'effetti ekwivalenti, u

— l-koeffiċjent tad-determinazzjoni jkun akbar minn $R^2 = 0,64$.

2. Awtorizzazzjoni ta' metodi ta' gradazzjoni għandha, madankollu, tkun suġġetta għall-iżball standard residwali fl-istima li jkun anqas minn $s_e = 2,5$.

3. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar liema metodi ta' gradazzjoni jixtiequ li jiġu awtorizzati għall-applikazzjoni fit-territorju tagħhom, waqt li jindikaw il-prinċipji li fuqhom dawn il-metodi jkunu bbażati u l-ekwazzjonijiet użati biex issir stima tal-perċentwal tad-dgħif, u waqt li jinkludu l-korrelazzjoni bejn ilk-kontenut tad-dgħif aċċertat permezz tal-metodu nazzjonali tad-dissezzjoni wżat għal dak l-iskop u l-metodu tad-dissezzjoni kif stabbilit fl-ewwel paragrafu ta' Artikolu 2(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3220/84.

L-applikazzjoni għall-metodi tal-gradazzjoni fit-territorju ta' Stat Membru għandha tkun awtorizzata skond il-proċeduri previsti f'Artikolu 24 tar-Regolament (KEE) Nru 2759/75.

4. L-applikazzjoni ta' metodi ta' gradazzjoni għandha tkun tikkorrispondi fil-partikolarijiet kollha mad-deskrizzjoni mogħtija fid-Deċiżjoni tal-Komunità li tawtorizzhom.

Artikolu 4

1. Mingħajr preġudizzju għal Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3220/84, il-karkassi tal-majjal għandhom jiġu mmarkati bl-ittra kapitali li turi l-grad tal-karkassa fuq l-iskala mogħtija f'Artikolu 3(2) u (3) tiegħu jew bil-perċentwal stmat ta' d-dgħif skond Artikolu 4(1) tiegħu u, jekk ikun hemm bżonn, b'xi dettalji oħra li jitiqiesu li jkunu approprijati. L-ittri u n-numri għandhom ikunu talanqas ta' 2 ċentimetri. Kull inka mhix tossika, indelibbli u li tirreżisti għas-sħana tista' tintuża biex isir l-immarkar kif ukoll kull forma oħra ta' mmarkar permanenti awtorizzat bil-quddiem mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti.

2. Nofsijiet ta' karkassi għandhom jiġu mmarkati fuq il-ġilda tal-ġenb ta' wara jew fuq il-koxxa.

3. Tikketta mwaħħla b'mod li ma tistax titneħħa bla ma ssirilha ħsara tista' wkoll tkun forma aċċettabbli ta' mmarkar.

Artikolu 5

Fil-każ speċifikat f'Artikolu 4(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3220/84, il-karkassi tal-majjal għandhom jiġu identifikati individwalment b'kull mezz li ma jkunx jista' jitbiddel.

Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri li huma jidhrilhom li jkunu meħtieġa biex jiggarantixxu l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament fit-territorju tagħhom, u għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dawn il-miżuri mill-aktar fis possibbli.

Artikolu 7

Dan ir-regolament għandu jidħol fid-seħħ nhar l-1 ta' Novembru 1985.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fl-24 ta' Ottubru 1985.

Għall-Kummissjoni

Frans ANDRIESSEN

Vici-President